MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 498/1989/1

**Direttur ta’ l-Informazzjoni**

**Vs**

**Joseph Carbonaro**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi f’Lulju 1982 l-konvenut Joseph Carbonaro flimkien ma certu Joe Penza organizzaw fiera fid-Dar tal-Mediterran ghal Kungressi bl-isem “July Commercial Fair”.

Premess illi waqt li kienet qeghda ssir l-imsemmija fiera, l-organizzaturi hawn fuq imsemmija organizzaw wkoll wirja

ta’ varjeta’ fis-sala gia maghrufa bhala “Sala Repubblika” fid-Dar tal-Mediterran ghall-Kongressi ghall-l-iskopijiet ta’ liema wirja l-esponenti dahal fil-ftehim li kopja tieghu hija hawn unita bhala Dok A, li permezz tieghu l-esponenti, biex jiffacilita l-organizzazzjoni ta’ l-imsemmija wirja ta’ varjeta, kera s-“Sala Repubblika” f’ismu, bil-patt ma’ l-organizzaturi li dawn kellhom jhallsuh l-ammont dovut minnu taht l-istess ftehim, f’ishma indaqs bejniethom meta jithallsu r-rikavat mil-wirja.

Premess illi l-flus kollha imdahhla mill-bejgh ta’ biljetti ta’ l-entratura ghall-imsemmija wirja ta’ varjeta kif ukoll kull rikavat iehor tal-wirja haduhom l-organizzaturi.

Premess illi l-ammont dovut mill-esponenti lid-Dar tal-Mediterran ghall-Kungressi in forza ta’ l-hawn fuq imsemmi ftehim huwa ta’ elf lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,000.75)

Premess illi f’Awissu 1983 Joe Penza hallas lid-Dar tal-Mediterran ghall-Kungressi, tramite l-attur, sehmu mill-ammont hawn fuq imsemmi u cioe’ is-somma ta’ hames mitt lira Maltija, seba u tletin centezmu u hames millezmi (Lm500,37.5).

Premess illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont dovut minnu u cioe’ l-ammont bilancjali ta’ hames mitt lira Maltin seba u tletin centezmu u hames millezmi (Lm500,37.5) il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti :

1. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt lira Maltija seba u tletin centezmu u hames millezmi (Lm500,37.5) bhala ammont dovut lill-attur kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tat-23 ta’ Dicembru, 1983 tad-9 ta’ Gunju 1987, tar-rikors ghan-notifika bl-affissjoni tat-3 ta’ Lulju, 1987 tal-mandat ta’ qbid numru 105/88 (Kummerc) ta’ l-20 ta’ Jannar, 1988 u tal-‘primo ricorso’ ghall-bejgh in subasta tas-27 ta’ Ottubru,

1988 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li huwa ma kienx "l-organizzatur" tal-fiera imsemmija fic-citazzjoni.

2. Illi kif jidher mill-annessi dokumenti A u B l-fiera imsemmija kienet organizzata mis-societajiet **Abita Mobili Ltd** u **Mobilja Penza Ltd**, kienu dawn li kellhom jinkassaw mill-bejgh tal-biljetti ta' dhul ghall-attivita' in kwistjoni u jekk hemm xi haga dovuta hi dovuta ghalhekk minn dawn is-societajiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

## FATTI

Illi f'Lulju 1982 il-konvenut flimkien ma Joseph Penza kienu organizzaw fiera f'Dar il-Mediterran. Huma organizzaw ukoll varjeta' fis-Sala Repubblika fl-istess dar tal-Mediterran. L-attur kien dahal fi ftehim Dok "A" fol. 6 li bih kera s-Sala Repubblika f'ismu bil-kondizzjoni li l-organizzaturi kellhom ihallsuh l-ammont dovut minnu in forza ta' dana l-ftehim f'ishma indaqs bejniethom meta jdahhlu l-flus rikavati mill-wirja. Dawn il-flus kienu haduhom l-organizzaturi u waqt li Joseph Penza hallas sehemu, l-konvenut naqas li jhallas sehemu.

## Legittimu kontradittur

Il-konvenut qed jeccepixxi li hu m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li huwa ma kienx "l-organizzatur" tal-fiera imsemmija fic-citazzjoni. Illi kif jidher mid-dokumenti "A" u "B", fol. 13 u 14, il-fiera imsemmija kienet organizzata mis-socjetajiet **Abita Mobili Ltd** u **Mobilja Penza Ltd**, u kienu dawn li kellhom jinkassaw mill-bejgh tal-biljetti ta' dhul ghall-attivita' in kwistjoni u jekk hemm xi haga dovuta hi dovuta ghalhekk minn dawn is-socjetajiet.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Azzopardi et noe - vs - George Cauchi" il-Qorti qalet : "Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50 citata bil-kollezzjoni Vol. XLII, P.II, p.203).

Biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor jew ghaliha personalment. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jkun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda_tikkontratta b'dak il-mod. (Ara sentenza Kumm JDC Zammit vs Rev.N.Okereke 13/7/91 u sentenza tal-Qorti tal-Appell E. Borg et noe vs R. Schembri tal 28 ta' Mejju, 1973).

Fil-kaz in ezami l-attur xehed li l-konvenuti kienu dahlu bhala kumpanija fil-fiera (fol. 87) u riedu jorganizzaw il-fiera *"on a grand scale"* kif kienet issir in-Naxxar. Carbonaro kellu ditta Abita Mobili Ltd u f'dan il-kuntest li hu kien jafu (fol. 91). Jafu bhala ezibitur. Meta kellmu Carbonaro dan kellmu fl-interess ta' Abita Mobili Ltd (fol.

91). Id-dokumenti a fol. 13 u 14 ghal dina l-“Commercial Fair” huma indirizzati liz-zewg kumpaniji - **Abita Mobili** u **Mobilia Penza**. Meta kellmuh ma saret ebda referenza ghal xi socjeta’ (fol. 92) pero’ jaf li s-socjetajiet taghhom kienu qed jorganizzaw il-fiera. Hu ma ghamilx kuntratt ma’ **Abita Mobili Ltd** bil-miktub.

Illi mix-xhieda ta’ l-istess attur u anke mid-dokumenti ezibiti (ara fol.13 u 14) jirrizulta li anke jekk il-konvenut ma ndikax espressament il-kapacita’ li fiha kien qed jidher, izda jirrizulta sodisfacentement li l-attur kien jaf jew messu ragonevolment ikun jaf illi l-konvenut kien qed jikkontratta ghal **Abita Mobili Ltd**.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talbiet ta’ l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------